SANTA LUĊIJA

Minuti

It-Tmien Leġislatura

Laqgħa Numru 29/2021

7 ta' Lulju, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5:00pm

PREŻENTI:

Charmaine St John – Sindku

Frederick Cutajar – Viċi Sindku

Terrence Ellul – Kunsillier

Kylie D'Amato - Kunsilliera

Skużat:

Liam Sciberras – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti – Doris Baldacchino – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Minuti:

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa

29.1 **Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku rringrazzjat lill-Kunsilliera preżenti talli kienu aċċettaw sabiex il-Kunsill jiltaqa' b'urġenza. Hija qrat e-mail mibgħuta mill-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras li kienet tispjega li l-laqgħa ma setgħetx issir. Il-Kunsill iddiskuta u l-Kunsillier is-Sur Terrence Ellul qal li kien kellem lill-Assoċjazzjoni għal Kunsilli Lokali dwar dan u kkonferma li l-laqgħa kienet valida u skond il-liġi.

29.2 **One Way Dawret it-Torri**

29.2.1 Is-Sindku spjegat li kienet qed tlaqqa' l-Kunsill għaliex il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni minn Infrastructure Malta li tgħid li x-xogħolijiet f'Dawret it-Torri kienu ser jibdew minn nhar it-Tnejn ta' wara li nżammet il-laqgħa b'urġenza u għalhekk il-Kunsill ma kienx ser jibqa' fiċ-ċans li jagħmel proġett pilota ta' Dawret it-Torri bħala One Way u konsultazzjoni mar-resident wara sabiex inkunu nistgħu nieħdu l-opinjoni tan-nies. Is-Sindku spjegat li hija kienet ikkomunikat ma Infrastructure Malta sabiex jagħtuna ċ-ċans li dan isir pero Infrastructure Malta sostnew li kienu ser jibqgħu għaddejjin bix-xogħolijiet kif konna avżati.

29.2.2 Il-Kunsillier is-Sur Terrence Ellul qal li huwa xorta kien ser jibqa' jisħaq li t-Triq ma tistax issir One Way pero' la l-entita' kienet qed tgħid li t-toroq huma ta' Infrastructure Malta u mhux tal-Kunsill allura l-Kunsill ma kienx f'pożizzjoni li jagħmel mod ieħor.

29.2.3 Il-Kunsilliera is-Sinjorina Kylie D'Amato qalet li kienet ser tingħaqad mal-Kunsillier Terrence Ellul għar-reazzjoni tiegħu u qalet li hija issa qed tistenna li Santa Luċija jkollha *promenade* u *cyling lane* mill-aqwa.

29.2.4 Il-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar ukoll qal li kien qed jaqbel mal-Kunsilliera Kylie D'Amato u qal li xtaq iżid li kemm huwa kif ukoll il-Kunsilliera Kylie D'Amato kienu qablu li Dawret it-Torri ssir One Way basta ma titmissx ir-rotta tal-karozzi tal-linja.

Is-Sindku sostniet li r-rotta tal-karozza tal-linja kellha tibqa' kif kienet għaliex kellha konferma minn Infrastructure Malta li mhux ħa tintmiss.

29.2.4 Il-Kunsillier is-Sur Terrence Ellul staqsa jekk Vjal Oleandri kinitx ser tibqa two ways. Is-Sindku kkonfermat li din it-triq kienet ser tibqa' *two way* pero' issa din kellha ssir responsabbilita' ta' Infrastructure Malta u mhux tal-Kunsill.

29.2.5 Il-Kunsill kompla jiddiskuti fuq dawn il-punti u qabel li r-residenti għandhom ikunu nfurmati li Dawret it-Torri ser issir One Way sabiex takkomoda promenade li tinvolvi *walking* u *cycling lane* kif ukoll il-parkeġġ eżistenti. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha toħroġ notifika lir-residenti li la x-xogħolijiet ser jibdew minnufih il-Kunsill mhux ser ikun f'pożizzjoni li jagħmel prova ta' xahar u konsultazzjoni pubblika kif kien avżat.

29.2.6 Il-Kunsill ifformola ittra li għandha tintbagħat lir-residenti kollha ta' Santa Luċija sabiex kulħadd ikun avżat x'qed jiġri.

29.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fis-6.00 pm. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 29 ta' Lulju, 2021 fil-5:00pm.

Konfermati illum ________________ ta' ______________2021.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Charmaine St John | Doris Baldacchino |
| Sindku | Deputat Segretarju Ezekuttiv |